# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju, 2020**

**Numru 1**

**Rikors Numru 38/19TA**

**Modesta Agius (K.I. 901244M); u Maria Grech (K.I. 325281M); u Christopher Agius (K.I. 301568M)**

**vs**

**Tabib Prinċipali Tal-Gvern (Saħħa Pubblika);**

**u**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Modesta Agius u oħrajn tat-12 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

"1. Illi r-rikorrenti huma mart u l-ulied tal-mejjet Anthony Agius li miet fit-26 ta' Novembru 2003 (vide ċertifikati taż-żwieg, Dok. 1, ċertifikati tat-twelid – Dok. 2-3, ċertifikat tal-mewt ta' l-imsemmi Anthony Agius – Dok 4, testment applikabbli Dok. 5);

2. Illi l-imsemmi Anthony miet kaġun ta' kanċer ikkaġunat esklussivament mill-esposizzjoni għall-asbestos u ċioe l-kanċer

Malignant Mesothelioma (vide kawża tal-mewt fiċ-ċertifikat tal-mewt Dok 4);

3. Illi Anthony Agius kien jaħdem mal-Malta Drydocks u dan ħajtu kollha sakemm irtira fis-sena 2002, u qatt ma kellu impieg ieħor (vide ċertifikat tal-Impieg tal-ETC anness u mmarkat Dok. 6);

4. Illi matul il-perjodu kollu li Anthony Agius kien impjegat it-tarzna, l-asbestos kien 'staple material' fl-imsemmija korporazzjoni u kien jintuża f'ammonti kopjużi mingħajr l-ebda kontroll effettiv;

5. Illi ilu għexieren sħaħ magħruf li l-esposizzjoni għall-asbestos tikkaġuna dannu serju għal saħħet il-bniedem, twassal għal mard serju u tista' wkoll tikkaġuna l-mewt;

6. Illi minkejja tali għarfien, l-awtoritajiet tas-saħħa, naqsu milli jinfurmaw dwar tali perikolu u naqsu li jipprovdu lil Anthony Agius bi protezzjoni legali u fattwali adegwata biex jilqgħu għall-ħsara kkaġunata mill-asbestos, u infatti miet minħabba tali esposizzjoni;

7. Illi l-esposizzjoni għall-asbestos u l-effetti tiegħu affettwat b'mod negattiv il-kwalita' tal-ħajja tar-rikorrenti li ġew imċaħħda prematurament minn presenza sinjifikanti f'ħajjithom u li kienu jassistu fil-kura paljattiva ta' missierhom minħabba marda nġustament u ntortament kontratta minnu.

8. In oltre r-rikorrenti Modesta Agius ġarrbet danni materjali u finanzjarji minħabba u konsegwenza tal-marda u l-mewt ta' żewġha minħabba l-marda inġustament u illegalment ikkontrattata;

9. Illi għalhekk ir-rikorrenti jissodisfaw il-kriterji biex ikollhom locus standi bħala vittmi, u dan ai termini ta' l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem applikabbli f'Malta tramite l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant għall-fatti u għar-raġuni fuq premessi, u għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw matul il-proċedura, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li fil-konfront individwali tar-rikorrenti ġie vjolat:-

1) Id-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja, u li l-ħajja tal-individwu ma titqiegħedx f'periklu bla bżonn, ai termini tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ta' l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli ukoll lokalment via l-Kap 319 fuq ġia riferit;

2) Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-famija tal-individwu ai termini tal-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni Ewropea, applikabbli wkoll lokalment via l-Kap 319 fuq ġia' riferit u applikabbli wkoll skond il-Kostituzzjoni;

3) Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata fit-termini tal-paragrafu preċedenti pero' f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt għall-informazzjoni dwar perikli marbutin ma' l-asbestos;

4) Tikkwantifika kumpens għad-dannu pekunjarju u non-pekunjarju individwalment subit mir-rikorrenti konsegwenza tal-leżjonijiet indikati fl-ewwel tlett talbiet jew liema minnhom skond il-każ;

5) Tillikwida dan l-ammont ta' kumpens lir-rikorrenti individwalment;

6) Tordna li l-ammont hekk likwidat bħala rimedju pekunjarju jitħallas lir-rikorrenti individwalment."

Rat ir-risposta tat-intimati Tabib Pinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) u l-Avukat Ġenerali li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

"Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

1. Illi r-rikorrenti jeħtiġilhom juru li d-*decujus* Anthony Agius kien tassew espost għall-asbestos u kif ukoll li l-kanċer malinju li nstab fuqu kien konsegwenza u kawża unika tal-fatt li l-imsemmi Anthony Agius kien espost għall-asbestos;

2. Illi dawn il-proċeduri mhux daqstant differenti minn kawżi ċivili ordinarji. Għalkemm hawn qegħdin fil-kamp kostituzzjonali, ir-rikorrenti xorta jridu jippruvaw in-ness tal-kawżalita' u ma jistgħux jistrieħu fuq sempliċi suspetti, ipoteżijiet u konġetturi kif qed fil-fatt isir mir-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali tagħhom;

3. Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab imsejjes fuq l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt għall-ħajja, kif imħares bl-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2 tal-konvenzjoni Ewropea, dan huwa assolutament bla bażi għaliex ħadd mill-intimati ntenzjonlment ma qiegħed ħajjet Anthony Agius fil-perikolu jew b'xi mezz ġie mċaħħad mill-jedd għall-ħajja. Ħadd mill-esponenti ma kellu l-*animus nocendi* li jneħħi ħajjet Anthony Agius jew l-*animus nocendi* li jikkaġunalu xi ħsara fisika;

4. Illi dwar l-ilment tar-rikorrenti, marbut mal-jedd tal-privatezza kif protett taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti josservaw li r-rikorrenti ma elaboraw xejn dwar din ix-xilja. Tassew imkien fir-rikors kostituzzjonali ma ġie spjegat b'liema mod l-intimat ndaħlilhom fi ħwejjiġhom jew fil-ħajja privata tagħhom jew tal-familja tagħhom. Għalhekk in kwantu dan l-ilment ma ġiex suffiċjentement imfisser, dan għandu jiġi mwarrab. Madanakolu biex l-argument ikun

sħiħ, l-esponenti assolutament jiċħdu bħala fatt li huma ndaħlu jew ħadu xi miżuri biex jikkompromettu jew ifixklu l-ħajja privata u familjari tar-rikorrenti.

5. Illi dejjem mingħajr ħsara għal dak li ngħad aktar kmieni, b'mod ġenerali jingħad li l-Gvern Malti għamel l-almu tiegħu billi ħa dawk il-miżuri meħtieġa, inkluż bdil fil-liġi, biex jindirizza l-problema tal-asbestos karsinoġeniku fit-Tarzna. Tassew malli l-Gvern sar jaf bil-periklu ta' dan il-materjal, huwa ħa passi rimedjali sabiex jiġi evitat il-periklu. Infatti l-amministrazzjoni tat-Tarzna pprovdiet maskri u tagħmir protettiv lill-ħaddiema tagħha u ġie żgurat li jkun hemm ventilazzjoni adegwata;

6. Illi dak iż-żmien l-asbestos kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa materja prima biex isolvu l-problemi ta' insulazzjoni. Hekk kif il-Gvern malti sar jaf bir-riskju ta' dan il-materjal, inbeda proċess biex jitneħħa dan il-materjal u saħansitra ġew mgħoddija liġijiet biex iwaqqfu l-importazzjoni tiegħu. Naturalment pero' dan il-proċess kellu jieħu ż-żmien tiegħu għaliex l-asbestos ma setax jgħib f'ħakka t'għajn;

7. Illi fid-dawl ta' dak li ntqal fuq, il-Gvern Malti ma jistax jitqies responsabbli li ma pprojbixxiex l-użu tal-asbestos jew li naqas milli jxerred tagħrif dwar il-perikli sanitarji marbuta mal-esposizzjoni tal-asbestos malli sar jaf b'mod konklussiv bl-effetti negattivi tiegħu fuq saħħet il-bniedem;

8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat ix-xhieda u dokumenti kollha esebiti fil-perkors tal-Kawża;

Rat l-atti kollha l-oħra tal-Kawża.

Ħadet nota tan-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** Anthony Agius, żewġ ir-rikorrenti Modesta Agius u missier ir-rikorrenti l-oħrajn, għal għomru ħadem mal-Malta Drydocks sakemm irtira fis-sena 2002. Fis-26 ta' Novembru 2003 miet u l-kawża tal-mewt tiegħu kienet mesothelioma (ara dok a' fol 7).

**2.** Fil-kors tal-impieg tiegħu mal-Malta Drydocks, l-asbestos kien jintuża b'mod regolari u li minnu kien isir użu f'ammonti kbar. Bħala fatt kien hemm żmien meta kien qed ikun magħruf li dan il-materjal jikkawża l-mesothelioma. Fil-fatt kif ingħad, din kienet il-kawża tad-deċess tal-imsemmi Anthony Agius.

**3.** Ir-rikorrenti qegħdin jinsistu li l-Awtoritajiet intimati għandhom iwieġbu għall-mewt tal-imsemmi peress li naqsu jinfurmaw dwar l-esistenza ta' dan ir-riskju u di piu' naqsu li jipprovdu b'mod adegwat il-protezzjoni meħtieġa.

**4.** Għaldastant qegħdin jagħmlu din il-kawża kontra l-intimati Awtoritajiet għad-danni minnhom sofferti.

**<u>Punti ta' liġi</u>**

**5.** Ir-rikorrenti jikkontendu li ladarba l-intimati naqsu milli jipproteġu saħħet u ħajjet l-imsemmi Anthony Agius waqt il-qadi ta' dmirijietu, kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom għall-protezzjoni tal-ħajja, u tar-rispett għall-ħajja privata u familjari tagħhom kif protetti bis-saħħa

tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Permezz ta' din l-azzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lilhom mill-intimati għall-leżjonijiet sofferti minnhom.

**6.** L-ewwel subinċiż tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

"*33 (1). Ħadd ma jista' jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skont il-liġi ta' Malta li tiegħu jkun ġie misjub ħati*."

**7** Ir-rikorrenti qegħdin jinvokaw ukoll l-artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-ewwel subinċiż ta' dawn iż-żewġ artikoli jaqra hekk:

"*2 (1). Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti wara li jiġi misjub ħati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena*."

"*8 (1). Kulħadd għandu dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-famija tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu*."

**8.** Biex l-azzjoni esperita mir-rikorrenti tirnexxi, anke f'Każi ta' din ix-xorta, jrid ikun jesisti n-ness kawżali, bejn l-att attribwit lill-intimati u danni sofferti mir-rikorrenti (ara **Sentenza Qorti tal-Appell fl-ismijiet Joseph**

**Muscat et -vs- Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et tal-24 ta' Ġunju 2011**). Fid-dawl tal-mertu li għandha quddiemha din il-Qorti, dan il-kunċett irid ikun eżaminat fit-termini tal-ennunċjazzjonijiet tal-ermenewtika partikulari, kemm lokali u anke dik barranija.

**9.** Sa fejn jirrigwarda jekk l-istat kellux xi obbligu li jkun jaf li l-asbestos huwa noċiv għas-saħħa, din il-Qorti tagħmel referenza għas-Sentenza fl-ismijiet **Brincat & Others vs. Malta, tal-24 ta' Lulju, 2014**, tal-Qorti Ewropea f'ċirkostanzi li konsimili għal dawk mertu ta' din il-Kawża kellha dan xi tgħid:

"*The medical certification indicated that Mr Attard's death was likely to be a result of asbestos exposure; malignant mesothelioma is known to be a rare cancer associated with asbestos exposure. The Court observes that it has not been contested or denied that Mr Attard worked at Malta Drydocks for more than a decade (1959-1974), during which time he was repeatedly exposed to asbestos. Neither has it been shown that Mr Attard could have been contaminated elsewhere or that he was affected by other factors that could have led to the disease. In these circumstances, and given that Mr Attard has died as a result of his cancer, the Court considers that Article 2 is applicable to the complaint brought by the applicants in application no. 62338/11 relating to the death of the said Mr Attard. ...*

*Thus, as to whether the Maltese government knew, or ought to have known in the early seventies, the Court must rely on other factors, most evident amongst them being objective scientific research, particularly in the light of the domestic context. The Court takes account of the list, submitted by the applicants, which contains references to hundreds of articles or other publications concerning the subject at issue published from 1930 onwards – many of them taken from reputable British medical journals. The Court observes that medical studies taken at the then Royal University of Malta were modelled on, and followed closely upon, the corresponding United Kingdom system, with many graduates in medicine continuing their studies in England and Scotland. Particularly in view of this situation, even accepting the Government's argument – that is, that information was at the time not as readily available as it is today – it is inconceivable that there was no access to any such sources of information, at least, if by no one else, by the highest medical authorities in the country, notably the Chief Government Medical Officer and the Superintendent of Public Health (as provided for in the, now repealed, Department of Health (Constitution) Ordinance, Chapter 94 of the Laws of Malta, see paragraph 42 above). In fact, according to Maltese law, it was precisely the duty of the Superintendent of Public Health to remain abreast of such developments and advise the Government accordingly. The Court, further, observes that it has not been submitted that there had been any specific impediment to access the necessary information.*

*Furthermore, the Government failed to rebut the applicants' assertion with any signed statement by a medical expert or authority, who could have attested that the medical professionals in the country were, in or around the 1970s, unaware of these worrying medical findings at the time.*

*Moreover, the Pellicano judgment by the Commercial Court (see paragraph 35 above), is in itself an implicit acknowledgment by a domestic court that in the years preceding Mr Pellicano's death in 1979 the authorities knew or ought to have known of the dangers of working with asbestos and that they had failed to provide health and safety measures in that respect.*

*Against this background, the Court concludes that for the purposes of this present case, it suffices to consider that the Maltese Government knew or ought to have known of the dangers arising from asbestos at least as early as from the 1970s.*

*107. As to the fulfilment of the ensuing obligations, as stated above, the respondent Government claimed that as soon as they had become aware of the dangers associated with asbestos, laws were enacted to protect employees from these dangers and this as early as 1987 by means of the Work Place (Health, Safety and Welfare) Regulations. It follows that, by Government's admission, up until 1987 no positive action was taken in the nearly two decades (four years in the case of Mr Attard who left the MDC in 1974) during which the applicants had been exposed to asbestos.*

*Consequently, from the information provided, it is apparent that from the mid-1980s to the early 2000s, when the applicants (except for Mr Attard) left the MDC, the legislation was deficient in so far as it neither adequately regulated the operation of the asbestos-related activities nor provided any practical measures to ensure the effective protection of the employees whose lives might have been endangered by the inherent risk of exposure to asbestos.*

*113. As to the duty to provide access to essential information enabling individuals to assess risks to their health and lives and the duty to provide such information, the Court notes that the Government submitted that no information reports were in fact available and that is was difficult for them to provide any information about the extent of any informative material given to the applicants. They noted, however, that the Occupational Health and Safety Authority (OHSA) provided preventive information and guidelines concerning the management and use of asbestos.*

*114. It would therefore appear that no information was ever collected or studies undertaken or reports compiled specifically about the asbestos situation at the applicants' place of work. Furthermore, the Government did not even argue that any general information was, in fact, accessible or made available to the applicants. Instead the Government, seemingly oblivious to the obligations arising from the Convention, opted to consider that it was not their responsibility to provide information at the outset and*

*that anyone in such a work environment would in any case be fully aware of the hazards involved. The Court considers the latter statement to be in stark contrast to the Government's repeated argument that they (despite being employers and therefore well acquainted with such an environment) were for long unaware of the dangers. The Court further finds inappropriate the Government's contention that the distribution of the above-mentioned masks was an implicit source of information. Additionally, in relation to the Government's reference to the information available at the OHSA, the Court notes that this authority was only created after the year 2000 and it could therefore not have been a source of information before that date. It follows that in practice no adequate information was in fact provided or made accessible to the applicants during the relevant period of their careers at the MDC. ...*

*116. The above considerations lead the Court to conclude that in view of the seriousness of the threat at issue, despite the State's margin of appreciation as to the choice of means, the Government have failed to satisfy their positive obligations, to legislate or take other practical measures, under Articles 2 and 8 in the circumstances of the present case."*

**10.** F'dan l-istadju jkun utli, li ssir referenza għal dak li xehed Dr. George Peplow fil-kawża fl-ismijiet **George Spiteri -vs- Policy Manager tal-Malta Shipyards et** (xhieda esebita a' fol 308 sa 315). Dan xehed li

"*Pero' l-awareness nemmen jiena li bdew deħlin late; 60s early 70s bħala awareness, bħala liġijiet u anke fl-Inghilterra u anke fl-Ewropa u f'Malta ukoll, ġew ħafna aktar tard bħala liġijiet, pero' l-awarness kien hemm, kien jesisti dejjem"* (a' fol 310). Aktar minn hekk kompla jispjega *"pero' l-ban fl-Ewropa biex ma jiġix importat l-asbestos u ma jiġix manufatturat kien early '80's, mill-early 80's fl-Ewropa, f'Malta ukoll ma setax jiġi importat, manufatturat l-asbestos."* ( a' fol 311 u 312 )

**11.** Din il-Qorti tirrileva li l-importazzjoni tal-asbestos f'Malta ġiet projbita permezz tal-Avviż Legali 37.11 tal-1994. Dan ifisser li sat-tmien snin qabel mal-imsemmi Anthony Agius irtira fl-2002 kien inkonfutabilment ċar li dan il-materjal kien noċiv għas-saħħa tal-bniedem u b'dana jidher li kemm min kien jimpjegah u kif ukoll l-Istat baqgħu inattivi u ħallew ħafna ħaddiema esposti għall-perikli lis-saħħa ta' dan il-materjal.

**12.** Jiġi osservat li Anthony Agius miet fl-2003 u circa tlett snin wara ġew introdotti regolamenti li jipprojbixxu l-presenza ta' dan il-materjal u ċioe` L.S 424.23 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji li jinħolqu meta persuna tkun esposta għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol. Dan ifisser li mill-1994 'l quddiem mhux biss kien hemm awareness, imma kien hemm l-għarfien inekwivoku li dan il-materjal kien noċiv, tant li l-Istat ipprojbixxa mhux biss l-importazzjoni tiegħu, iżda anke il-manifattura tal-istess.

**13.** F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax ma tosservax, li fejn tidħol is-saħħa tal-ħaddiem fuq ix-xogħol, f'ċirkostanzi fejn ikunu involuti l-użu ta' materjali noċivi, l-obbligu ma jaqax biss fuq min jimpjega, iżda anke fuq l-Istat. Huwa minnu li f'nofs id-disgħinijiet bdew jittieħdu ċertu miżuri fit-Tarzna. Iżda skont din il-Qorti, l-Istat għandu jkollu r-riżorsi fuq bażi permanenti u kontinwu sabiex iwettaq l-obbligu tiegħu li jagħmel riċerki u jsegwi l-aħħar żviluppi li jkunu qegħdin jiġu intrapriżi minn Istituti, anke barranin, dwar materja bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti. Li l-Istat ma kienx jaf bil-ħsara ma hiex difiża tajba, għaliex l-Istat għandu jkun jaf. Per eżempju fil-kas tal-asbestos, il-bozza ħamra kienet ilha li xegħlet mis-sittinijiet.

**14.** Fil-kawża fl-ismijiet **George Spiteri vs Policy Manager tal-Malta Shipyards deċiża fit-23 ta' Novembru 2016 per Imħallef Myriam Hayman**, il-Qorti kompliet tamplifika dwar f'hiex jikkonsistu l-obbligi tal-Istat:

*"Dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali ma jħallu l-ebda lok ta' dubju għalhekk li huwa l-obbligu tal-Istat Malti li mhux biss ma jċaħħadx mid-dritt tal-ħajja lil xi persuna b'mod arbitrarju, iżda wkoll li jieħu wkoll dawk l-azzjonijiet jew miżuri pożittivi u preventivi raġonevolment meħtieġa u adegwati sabiex il-ħajja tal-persuni f'Malta tiġi protetta. Dan kollu jxejjen awtomatikament it-teżi tal-intimati fl-eċċezzjonijiet tagħhom li ksur tad-dritt għall-protezzjoni*

*tal-ħajja taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni iseħħ biss meta tali privazzjoni tkun waħda "intenzjonata".*

*Dan l-obbligu fuq l-Istat li jieħu miżuri protettivi għall-ħarsien tal-ħajja jaċċentwa ruħu partikolarment f'ċirkostanzi ta' attivitajiet li min-natura tagħhom jesponu riskju u periklu akbar għall-ħajja tal-bniedem. Dwar dan il-punt il-QEDB qalet hekk dwar l-artikolu 2 fil-każ Prilutskiy vs Ukraine deċiż fis-26 ta' Frar 2015:*

*"It entails above all a primary duty on the State to put in place a legislative and administrative framework designed to provide effective deterrence against threats to the right to life. This obligation indisputably applies in the particular context of dangerous activities, where, in addition, special emphasis must be placed on regulations geared to the special features of the activity in question, particularly with regard to the level of potential risk to human lives. Those regulations must govern the licensing, setting up, operation, security and supervision of the activity and must make it compulsory for all those concerned to take practical measures to ensure the effective protection of citizens whose lives might be endangered by the inherent risks. ... The scope of the positive obligation must be interpreted in a way that does not impose an unrealistic or disproportionate burden on the authorities, bearing in mind the difficulties in policing modern societies, the unpredictability of human conduct and the operational choices which must be made in terms of priorities and*

*resources. Accordingly, not every claimed risk to life can entail for the authorities a Convention requirement to take operational measures to prevent that risk from materialising. For the Court, and having regard to the nature of the right protected by Article 2, a right fundamental in the scheme of the Convention, it is sufficient for an applicant to show that the authorities did not do all that could reasonably be expected of them to avoid a real and immediate risk to life of which they have or ought to have knowledge. This is a question which can only be answered in the light of the circumstances of any particular case (see Osman vs the United Kingdom, 28 October 1998, § 116, Reports of Judgments and Decisions 1998 VIII). ...*

*Il-Qorti tqis li f'dan il-kuntest mhux biżżejjed li jiġi evalwat meta l-Gvern sar jaf bilperikli assoċjati mal-asbestos iżda meta seta' sar jaf b'dan. A skans ta' ripetizzjoni jingħad li ġie muri b'mod mhux kontradett f'din il-kawża li prova xjentifika li tassoċja l-espożizzjoni għall-asbestos mal-kanċer tmur lura għas-sena 1938, u ċioe għoxrin sena qabel ma George Spiteri daħal jaħdem it-Tarzna. Imbagħad, circa sentejn wara li Spiteri daħal it-Tarzna, ċioe fl-1960, it-tobba Maltin, u allura anke l-Gvern tramite l-awtoritajiet tas-Saħħa, kellhom a dispożizzjoni tagħhom, tramite bulettini mediċi Ingliżi, il-konferma tan-ness bejn l-asbestos u pleural mesothelioma."*

**15.** Fuq dan il-punt partikulari ġie ukoll elaborat fis-**Sentenza fl-ismijiet Mary Grace Farrugia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern P.A (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tal-31 ta' Jannar 2017**. Il-Qorti sabet l-opportunita' biex tispjega x'inhuma l-obbligi tal-Istat biex iħares is-saħħa taċ-ċittadini tiegħu. F'din is-Sentenza l-Qorti ikkummentat dwar l-obbligu tal-Istat li għandu l-obbligu li ma jiddelungax u li jintervjeni tempestivament bil-leġislazzjoni apposita:

*"Fil-każ tal-lum, a bażi tal-provi prodotti, din il-Qorti ssib illi l-mewt ta' Andrew Psaila kienet ir-riżultat ta' sensiela ta' omissjonijiet da parti tal-Istat li, mhux biss ma aġġornax il-leġislazzjoni tal-pajjiż tempestivament, pari passu mal-għarfien li mażż-mien beda jiżdied tal-perikli tal-asbestos l-aktar meta jkun fi stat ta' fibres u tar-riskji tal-użu tal-asbestos, iżda wkoll meta l-Istat naqas palesament milli jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar miżuri ta' prevenzjoni tal-użu tas-sostanza bħala parti mir-rutina tax-xogħol; ma' dawn miżuri ta' infurzar kontra l-perikli għas-saħħa talħaddiema. L-assjem ta' nuqqasijiet fuq dan il-livell da parti tal-Istat ġab miegħu illi Andrew Psaila kien espost mill-employer tiegħu għall-użu tal-asbestos bħala parti mix-xogħol tiegħu bil-konsegwenza li ġarrab marda terminali li temmet ħajtu fl-età ta' 60 sena. Mhux sostenibbli l-argument tal-intimati illi fiż-żmien meta Psaila kkontratta l-marda, l-għarfien (awareness) dwar il-perikli tal-asbestos kien ġeneriku, u li kien biss fis-snin disgħin li bdiet toħroġ informazzjoni fuq bażi internazzjonali ta' kif għandu jsir l-immaniġġjar tal-asbestos. Din il-Qorti għamlet l-aċċertamenti*

*tagħha u tgħid mingħajr l-iċken esitazzjoni li dan l-argument huwa fattwalment inkorrett. Hemm imbagħad ix-xhieda ta' Dr George Peplow u tal-Prof. Joseph Cacciattolo li tikkostitwixxi prova. Kontra ta' din il-prova, ma hemmx prova diretta u determinanti da parti tal-intimati. Għalhekk din il-Qorti mhix sejra titbiegħed minn dak fattwalment riskontrat mill-ECHR fil-każ ta' Brincat fis-sens li l-Istat Malti tramite l-awtoritajiet kompetenti kellu tagħrif għad-dispożizzjoni tiegħu iżda ma adottax miżuri ta' prevenzjoni fuq livell aktar wiesgħa li jolqot il-postijiet kollha tax-xogħol, aktar milli post wieħed li fil-każ ta' Psaila kienet it-Tarzna. ...*

*L-obbligu fuq l-Istat li jipprovdi informazzjoni dwar ir-riskji jew perikli ta' espożizzjoni beda jkun rikonoxxut bid-deċiżjoni tal-ECHR fil-każ ta' 'Guerra & Others vs Italy', tad-19 ta' Frar 1998. Hemm il-Qorti rriferiet għal "the right to assess risk factors connected with the activity of a nearby chemical factory". Fil-każi ta' 'McGinley & Egan vs The United Kingdom' (19 ta' Ottubru 2005) l-ECHR (l-aħħar każ il-Grand Chamber) affermat il-prinċipju illi "respect for private and family life under Article 8 requires that an effective and accessible procedure be established which enables such persons to seek all relevant and appropriate information." Id-dritt għall-aċċess ta' informazzjoni relatat ma' riskji li persuna tista' tiġi esposta għalihom (fil-każ in kwistjoni kienu għaddasa) kien trattat mill-ECHR fil-każ ta' 'Vilnes and Others vs Norway' (5 ta' Diċembru 2013) fejn ingħad illi, "the State's positive obligation to provide access to essential information enabling individuals to assess risks to their health and lives*

*may, in certain circumstances, also encompass a duty to provide such information."*

**16.** Dan it-tagħlim, li huwa konformi mal-prinċipju li l-Istat għandu fuq bażi permanenti, kontinwa u b'mod effikaċi jagħti protezzjoni lil kull min jaħdem, minn kull riskji għas-saħħa fuq ix-xogħol. Għandu jqiegħed f'postha l-għodda leġislattiva meħtieġa sabiex tiġi applikata minn kull min jimpjega, b'hekk tkun evitata anke id-difiża ta' *nulla peona sine lege* minn min jrrisulta li jqiegħed is-saħħa tal-ħaddiem fir-riskju tal-mard. Dan iġib miegħu ukoll l-obbligu anċillari tal-Istat, li jkollu sistema tajjeb u b'saħħtu ta' sorveljanza, biex jassigura li min iħaddem qiegħed tassew jimplimenta l-miżuri kollha normativi. Liġijiet li jħarsu s-saħħa ta' min jaħdem ma jiswew xejn, jekk l-Istat ma jassigurax li dawn qegħdin ikunu applikati minn min iħaddem.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**17.** Ir-rikorrenti jinsistu li l-intimati naqsu milli jħarsu saħħet u ħajjet Anthony Agius meta kien jaħdem it-Tarzna. Dan ifisser li kienu inkisru d-drittijiet fundamentali tagħhom għall-ħarsien tal-ħajja, u tar-rispett għall-ħajja privata u familjari tagħhom kif imħarsa minn artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni rispettivament. Għalhekk ir-rikorrenti adixxew lill-Qorti sabiex tillikwida l-kumpens li jkun jirrifletti kull ksur li soffrew fit-termini tal-artikoli ċitati. L-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jibda jiddisponi hekk:

"*33 (1). Ħadd ma jista' jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skont il-liġi ta' Malta li tiegħu jkun ġie misjub ħat*i."

**18.** Ir-rikorrenti qegħdin ukoll jinsistu fuq ksur tal-artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni.

**19.** L-ewwel subinċiż ta' dawn iż-żewġ artikoli jistabilixxu hekk:

"*2 (1). Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti wara li jiġi misjub ħati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena."*

*"8 (1). Kulħadd għandu dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-famija tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*"

**20.** Il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha fil-kawża, u kemm fuq stregwa tas-Sentenzi ċitati u wisq aktar fuq il-provi prodotti f'din il-Kawża, ma setgħetx ma tasalx għall-konklużjoni li r-rikorrenti irnexxilhom jipprovaw li hemm rabta intima bejn il-marda li barmet lill-imsemmi Anthony Agius fiċ-ċirkostanzi industrijali li kien jopera fihom għal perijodu sostanzjali ta' snin, u dan għaliex kien kontinwament espost direttament għall-asbestos. Kienet din l-esposizzjoni li eventwalment ikkawżatlu l-marda li miet biha. Fil-fatt huwa miet sena wara li rtira mix-xogħol. Meta miet fis-26 ta' Novembru 2013 huwa kellu sittin sena.

**21.** Minkejja li s-sintomi tal-marda li ħakmet lil Anthony Agius feġġew sena wara li temm l-impjieg tiegħu mat-Tarzna, jirriżulta li qabel ma ħakmitu din il-marda, dan ma kellu l-ebda kundizzjoni oħra li jista' jingħad li kienet il-kawża għall-kanċer li qabdu. Ġiet esebita l-istorja medika tiegħu minn Doris Vella Cassai, Customer Care Officer Mater Dei (a' fol 26). Mid-dokumenti esebiti jirrisulta li qabel il-kundizzjoni fatali li qatlitu, l-imsemmi Anthony Agius kien minn żmien għal żmien eżaminat l-isptar dwar kundizzjonijiet oħra. L-aħħar li kien mar l-isptar qabel ma kellu l-kundizzjoni li qatlitu, kien fit-8 ta' Frar 1992 għal xi ħaġa li għandha x'taqsam ma' sinus (a' fol 132). Kien fis-17 ta' Settembru 2003 li bdew is-sinjali tal-marda li miet biha (a' fol 133). L-intimati lanqas ma ressqu xi prova li missier ir-rikorrenti seta' kkontratta l-marda minn xi sors ieħor għajr għall-esposizzjoni kontinwa għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol tiegħu fit-Tarzna.

**22.** Mill-provi jirriżulta wkoll li kien biss lejn nofs is-snin disgħin li fit-Tarzna bdew jiddaħħlu miżuri protettivi maħsuba biex iħarsu s-saħħa tal-ħaddiema mill-effetti tal-asbestos, u kien f'dak iż-żmien li kien hemm ħaddiema li bdew jingħataw taħriġ speċifiku dwar dan, beda jingħata ilbies u apparat protettiv lill-ħaddiema, kif ukoll bdew jittieħdu miżuri aktar drastiċi bħall-eliminazzjoni tal-asbestos bl-esportazzjoni tiegħu barra l-pajjiż b'mod regolat.

**23.** Għalkemm irid jingħad, li anke qabel jidher li kien hemm xi tentattivi biex jagħtu xi xorta ta' protezzjoni, iżda din ma kienitx effettiva. F'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għall-każ fl-ismijiet **Mary Pellicano proprio et nomine vs Francis Spiteri nomine, deċiż mill-Qorti tal-Kummerċ fit-30 t'Awissu 1989**, kienu sabu li l-maskli ma kienux ta' kwalita' adegwata biex joffru l-protezzjoni meħtieġa lill-ħaddiema. F'dik il-kawża l-Qorti, qablet mal-konklużjonijiet tal-periti mqabbda minnha li kienu kkonstataw hekk:

*"Illi rriżulta wkoll li fiż-żmien rilevanti għall-każ fil-Malta Drydocks kien għadu jintuża l-blue asbestos, u li l-unika miżura ta' prekawzjoni kien l-użu tal-maskli (li fil-fehma tal-periti lanqas kienu ta' kwalita' adegwata lanqas)."*

**24.** Madanakollu l-għarfien u l-informazzjoni dwar il-ħsara ikkawżata minn din is-sustanza kienu ilhom fid-dominju pubbliku għal bosta snin. Jidher l-awtoritajiet tas-saħħa f'pajjiżna għażlu li jinjoraw jew ma jagħtux kas studji xjentifiċi u riċerka li kienet qiegħda tistabbilixxi ness dirett bejn ċertu tipi ta' kanċer u l-esposizzjoni għall-asbestos.

**25.** Tajjeb li jingħad li l-użu tal-asbestos dwar dan it-tip ta' kanċer kien fl-1938, u fis-sena 1960 diġa' kien hemm rivisti u ġurnali mediċi li kienu qegħdin jippubblikaw rapporti dwar dan. Fl-1960 fil-British Medical Journal kienu diġa' qegħdin ikunu ippubblikati studji xjentifiċi li kienu saru dwar il-ħsara kkawżata mill-asbestos. Kien hemm evidenza li sustanza

karċinoġenika qiegħdha tikkawża ħsara f'saħħet il-bniedem. L-awtoritajiet tas-saħħa għandhom l-obbligu li jinfurmaw lit-tobba u li jieħdu passi preventivi f'dak ir-rigward (ara xhieda tal-Professur Joseph Cacciatolo a' fol 231 sa 233 ).

**26.** Din l-attitudni kienet konduċenti biex persuni bħal Anthony Agius u anke bħal żewġ ir-rikorrenti Modesta Agius u missier ir-rikorrenti l-oħrajn, jibqgħu fil-għama dwar ir-riskji u sogri ta' kuljum fuq il-post tax-xogħol. Isegwi għalhekk li minkejja dan l-għarfien dwar il-perikli tal-asbestos, l-Istat Malti naqas milli jieħu miżuri preventivi sabiex iħares saħħet diversi ħaddiema, bil-konsegwenza li ħafna ħaddiema mardu bil-kanċer, b'uħud saħansitra tilfu ħajjithom bħal ma ġara lil Anthony Agius.

**27.** L-obbligu fuq l-Istat li jipprovdi informazzjoni dwar ir-riskji jew perikli ta' esposizzjoni beda jkun rikonoxxut bid-deċiżjoni tal-**ECHR fil-każ ta' 'Guerra & Others vs Italy', tad-19 ta' Frar 1998.** Hemm il-Qorti rriferiet għal "*the right to assess risk factors connected with the activity of a nearby chemical factory*". Fil-każi ta' **'McGinley & Egan vs The United Kingdom' (19 ta' Ottubru 2005) l-ECHR** (l-aħħar każ il-Grand Chamber) affermat il-prinċipju illi "*respect for private and family life under Article 8 requires that an effective and accessible procedure be established which enables such persons to seek all relevant and appropriate information*." Id-dritt għall-access ta' informazzjoni relatat ma' riskji li persuna tista' tiġi esposta għalihom (fil-każ in kwistjoni kienu għaddasa) kien trattat mill-

**ECHR fil-każ ta' 'Vilnes and Others vs Norway' (5 ta' Diċembru 2013)** fejn ingħad illi, *"the State's positive obligation to provide access to essential information enabling individuals to assess risks to their health and lives may, in certain circumstances, also encompass a duty to provide such information."*

**28.** Dwar it-tip ta' kanċer li kellu Anthony Agius dawn il-Qrati kellhom opportunita` li jesprimu rwieħhom b'dan il-mod:

*"Malignant mesothelioma" huwa tumur "aggressiv immens" u "rari", pero` komuni ħafna f'min hu espost għall-asbestos. Infatti hu kkaġunat minn "exposure kontinwu" għall-asbestos fibre;*

*"(i) Jinsab provvdut fil-letteratura medika illi "asbestos fibres are amongst the smallest occurring types of mineral and are indestructable. If inhaled the fibres can collect in the lungs. The body's defences cannot prevent them penetrating deep into the lung tissue where they often make their way to the pleure and can trigger genetic mutations which can eventually cause a cell to become malignant." Dan kollu hu sopportat mir-riżultanzi ta' l-awtopsja;*

*(ii) L-effetti noċivi ta' din l-esposizzjoni għall-asbestos jiżviluppaw wara ħafna żmien; ġieli 10 snin u ħafna drabi bejn 20 u 40 sena. Skond Dr. Emanuel Farrugia (fol. 142), "dan it-tumur ikun dormant għal ħafna snin imbagħad qisu jqum f'daqqa. Meta jqum, il-prognosis huwa bleak";*

*(iii) Prodotti manifatturati minn asbestos huma installati anke fil-vapuri, ad eżempju, "pipe lagging systems". Tali tagħrif dwar il-prodotti, u hekk ukoll il-konoxxenza dwar il-konsegwenzi noċivi minn kuntatt jew esposizzjoni għalihom, ma jidherx, fuq diskors ix-xhud preċedenti, li huma aljieni fostna"* (ara **Deċiżjoni Carmena Fenech et vs Chairman tal-Malta Drydocks noe deċiża fis-6 ta' Diċembru 2006**).

**29.** Għalhekk fid-dawl tal-konstatazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti, wara li qieset il-provi kollha, tasal għall-konklużjoni li l-intimati tassew kisru d-drittijiet fundamentali invokati mir-rikorrenti f'din il-Kawża.

**Danni**

**30.** Jonqos issa jiġu kkunsidrati u likwidati d-danni. Il-Qorti tibda biex tirrileva li x-xorta ta' danni f'dawn il-kawżi ma huwiex l-istess jew ekwiparabbli mad-danni ċivili. Tali danni setgħu intalbu tempestivament b'azzjoni apposita quddiem din il-Qorti fil-kompetenza ċivili tagħha abbażi tan-normativa kif stipulata fil-Kodiċi Ċivili jew liġijiet oħrajn li jagħtu danni li jaħsbu għal danni ekwivalenti.

**31.** Din hija azzjoni, biex jingħad hekk, residwali sussidjarja għal dik Ċivili, meta din tal-aħħar ma tkunx għadha eżerċitabbli, anke jekk f'din l-azzjoni numru ta' prinċipji ċivilistiċi jibqgħu applikabbli, bħal huwa fost oħrajn l-esistenza tan-ness kawżali. Għalhekk ai fini ta' kalkoli ta' danni, legalment hija storja oħra. Dana ma jfissirx li danni ma jingħatawx, iżda

jfisser li l-kalkolu jvarja minn dawk ordinarjament kalkolati f'kawża ċivili, li ma hiex adulterata b'konsiderazzjonijiet għajr preċetti ċivilistiċi, imnissla minn għemil kolpuż akwiljan jew kważi akwiljan.

**32.** Is-Sentenzi f'dan ir-rigward kienu varji, għalkemm meta ikkunsidrati fl-assjem tagħhom, hemm ċertu konsistenza u li dawn il-Qrati japplikaw. Ikun utili li ssir referenza għas-**Sentenza tal-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali), per Imħallef Myriam Hayman, tal-11 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet Alexander Falzon et -vs- Tabib Prinċipali tas-Saħħa et**, fejn hemm compendium tas-Sentenzi fuq dan l-aspett li qed tittratta f'dan l-istadju ta' din is-Sentenza. Sentenzi dwar il-quantum tad-danni ai fini tal-likwidazzjoni tal-istess.

**33.** F'dik is-Sentenza il-Qorti osservat is-segwenti:

*"…fuq skorta tal-prinċipji ġurisprudenzjali ċitati u fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, sabiex ikun hemm uniformità fid-deċiżjonijiet ta' każijiet analogi – dejjem b'applikazzjoni għall-fattispeċje partikolari tal-każ – il-qorti rat numru ta' sentenzi in materja għal dak li jirrigwarda kumpens morali mogħti –*

*a. **George Spiteri et v. Policy Manager tal-Malta Shipyards fi ħdan il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni deċiża fit-23 ta' Novembru 2016** fejn din il-qorti kif preseduta akkordat kumpens ta' €25,000. Huwa kien ħadem it-Tarzna għal 22 sena bejn l-1958 u l-1980,*

*ġie dijanjostikat bil-kanċer malignant mesothelioma f'Ottubru 2008 u miet inqas minn sentejn wara f'Lulju 2010 fl-età ta' 66 sena. Ebda appell ma kien sar minn dik is-sentenza;*

*b.* ***Helen Vella et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et deċiża fit-30 ta' Novembru 2018*** *fejn din il-qorti kif preseduta akkordat kumpens ta' €25,000. Huwa kien espost għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol bejn l-1969 u l-1997; ġie eventwalment dijanjostikat bil-kanċer malignant mesothelioma u miet f'April 2014 fl-età ta' 70 sena. Ebda appell ma kien sar minn dik is-sentenza;*

*ċ.* ***Mary Grace Farrugia et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et deċiża fil-31 ta' Jannar 2017*** *fejn il-kumpens akkordat kien dak ta' €30,000. Il-qorti qieset li d-decujus kien miet fl-età ta' 60 sena. Ebda appell ma kien sar minn dik is-sentenza;*

*d.* ***Josephine Mallia et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern deċiż fil-15 t'Ottubru 2018*** *fejn il-kumpens akkordat kien dak ta' €25,000;*

*e.* ***Lawrence Grech et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et deċiż fit-8 ta' Novembru 2018*** *fejn il-kumpens akkordat kien dak ta' €30,000. Il-qorti kkunsidrat fost affarijiet oħra li Grech miet ta' 57 sena u madwar sena u ħdax-il xahar wara li feġġew l-ewwel sintomi tal-marda terminali tiegħu. Kellu familja bi tliet ulied li kienu għadhom kemm bdew il-ħajja u bil-mod il-mod bdew jieħdu l-istat tagħhom. (Fit-12 ta' Lulju 2019 il-*

*Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza tal-ewwel qorti iżda l-kumpens morali ta' €30,000 ġie konfermat);*

*f.* ***Anthony Farrugia et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et deċiż fil-5 ta' Ottubru 2018*** *fejn il-Qorti Kostituzzjonali varjat is-sentenza tal-ewwel qorti fil-quantum tal-għoti ta' kumpens u akkordat is-somma ta' €10,000. Fost il-fatturi ewlenin li wasslu lill-qorti tagħti dak il-kumpens kien li lil Farrugia l-marda qabditu fl-aħħar sena u nofs ta' ħajtu u miet fl-età avvanzata ta' 84 sena;*

*g.* ***Emanuela Caruana et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et deċiż fil-5 t'Ottubru 2018*** *fejn il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti li kienet akkordat kumpens ta' €12,000 wara li qieset li Emanuel Caruana kien miet ta' 71 sena ċioè għaxar snin wara li irtira u ta' età li qabżet is-70 sena;*

*h.* ***John Formosa et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et deċiż fil-5 ta' Ottubru 2018*** *fejn il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti li kienet akkordat kumpens ta' €21,000 wara li qieset li Formosa kien miet fl-età ta' 62 sena, il-kontribuzzjoni familjari ma tantx kienet qawwija però din l-istess kontribuzzjoni xorta kienet determinanti għall-familja numeruża tiegħu;*

*i.* ***Maria Rosaria Fenech et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et deċiż fil-5 ta' Ottubru 2018*** *fejn il-Qorti Kostituzzjonali*

*varjat is-sentenza tal-ewwel qorti u akkordat is-somma ta' €15,000 tenut kont tal-fatt li Fenech kellu l-età ta' 73 sena meta miet u dan seħħ fi żmien qasir wara li ġie dijanjostikat bil-marda. Oltre dan huwa kien ilu snin li rtira mix-xogħol;*

*j.* ***James Fenech et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et deċiż fit-12 ta' Lulju 2019*** *fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza tal-ewwel qorti u akkordat kumpens morali ta' €26,000. F'dak il-każ missier ir-rikorrenti kien marad ta' 51 sena u miet ta' 55 sena;*

*k.* ***Maria Assunta Pulis et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et deċiż fit-12 ta' Lulju 2019*** *fejn il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti li kienet akkordat kumpens morali ta' €20,000. F'dak il-każ missier ir-rikorrenti kien marad f'Lulju 2013 u miet inqas minn sentejn wara fl-età ta' 67 sena."*

**34.** Oltre s-Sentenzi fuq imsemmija, f'dik riċenti tal-Prim Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) per **Imħallef Larwence Mintoff fl-ismijiet Frank Vella et -vs-Tabib Prinċipali tal-Gvern et tas-6 ta' Marzu 2020**, fil-każ tal-mewt bil-kawża tal-kanċer minħabba l-asbestos, u li ukoll kien jaħdem it-Tarzna, il-Qorti llikwidat is-somma ta' 21,000 ewro. Iġifieri l-ammont ta' danni jvarjaw fil-medja bejn 20,000 ewro u 30,00 ewro. Dejjem jiddependi miċ-ċirkostanzi ta' kull każ.

**35.** F'din il-Kawża l-imsemmi Anthony Agius miet fl-eta` ta' 60 sena, li hija eta` relativament żgħira għaż-żminijiet tal-lum. Ħadem it-Tarzna, xogħol li minn natura tiegħu stess huwa skabruż. Irtira fl-2002 u f'anqas minn sena miet kawża tal-asbestos. Xorti kattiva, meta kien ser jibda jgawdi il-pensjoni, ikollu ħajja ta' kwalita` aħjar, igawdi lill-familja aktar u l-familja lilu. Dan huwa fattur li din il-Qorti ma tistax tinjorah fil-kalkoli tad-danni sofferti mir-rikorrenti.

**36.** F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fis-Sentenza diġa` ċitata supra, tal-**Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Mary Grace Farrugia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et**:

*"Din il-Qorti tħoss li huwa importanti li jiġi spjegat u senjalat li l-fattur tal-età tal-mewt tal-vittma għandu piż qawwi fil-komputazzjoni tal-kumpens, għax għandu jirriżulta ċar li, hemm differenza kbira bejn il-każ fejn il-marda qerrieda tkun ħakmet persuna f'età relattivament żgħira bħal ngħidu aħna 60 sena circa u fil-każ fejn il-marda tkun ħakmitu meta l-persuna kienet qabżet is-70 sena. Meta l-vittma jkun ġie privat minn ħajtu f'età relattivament żgħira, il-familjari tiegħu jkunu ġew privati mill-preżenza u mill-kumpanija tiegħu għal numru ta' snin li kieku ma ħakmitux il-marda, u hekk ġara fil-każ odjern fejn Salvatore Formosa miet ta' 62 sena.*

*Fattur ieħor li fil-fehma ta' din il-Qorti għandu jiġi senjalat fil-komputazzjoni tal-kumpens huwa t-tul taż-żmien li matulu l-vittma dam isofri mill-marda, f'liema perijodu wkoll il-familjari tiegħu jkunu sofrew ansjetà u dwejjaq*

*meta kienu jaraw lil missierhom ibati, minħabba l-marda, sakemm miet. Iżda fil-każ odjern hija manifestament mankanti l-prova ta' kif u f'liema grad il-marda affettwat lil John Formosa u kemm ipperdurat il-marda qabel ma eventwalment miet. Ma tressqet l-ebda prova fir-rigward mir-rikorrenti, u dan in-nuqqas mingħajr dubbju kellu effett fuq kif l-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha."*

**37.** Din il-Qorti tikkunsidra li dan huwa raġjunament perfettament applikabbli għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Għalhekk tenut kont tas-Sentenzi ċitati u taċ-ċirkostanzi kollha, l-ammont li jistħoqq ikun likwidat huwa dak ta' tletin elf ewro (€30,000). Dan l-ammont pero' għandu jitħallas kwantu għal ħmistax-il elf ewro (€15,000) lil Modesta Agius qua armla tal-imsemmi Anthony Agius u kwantu għar-rimanenti ħmistax-il elf Ewro (€15,000) ugwalment bejn ir-rikorrenti l-oħrajn, qua ulied u eredi tal-istess.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-intimati;

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrenti billi tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrenti ġie vjolat id-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja, ai termini tal-artikolu 33 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-artiklu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem;

**Tilqa' t-tieni u t-tielet talba** tar-rikorrenti billi bl-istess mod tiddikjara li ġie vjolat id-dritt tar-rikorrenti għar-rispett tal-ħajja privata u l-familja tal-individwu ai termini tal-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni Ewropeja u dan ma' dak li għandu x'jaqsam mad-dritt tal-informazzjoni dwar perikli marbutin ma' l-asbestos;

**Tilqa' r-raba' u l-ħames talbiet** tar-rikorrenti billi tillikwida kumplessivament id-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000), pagabbli kwantu għal ħmistax-il elf ewro (€15,000) lil Modesta Agius u kwantu għal ħmistax-il elf ewro (€15,000) ugwalment bejn ir-rikorrenti l-oħrajn u dan kif spjegat aktar 'l fuq;

**Tilqa' s-sitt talba** tar-rikorrenti u tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex flimkien bejniethom iħallsu lir-rikorrenti l-ammont kif likwidat u pagabbli kif spjegat.

Spejjes kollha tal-Kawża a' karigu tal-intimati.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**